

# Id-devozzjoni lejn il-Madonna tad-Duluri mit-Tarxiniżi

*Joseph C. Camilleri BA, DEAM, M.ed (PI & Mgt)*

Hekk kif ir-Randan jersaq lejn it-tmien tiegħu, tiġi ċċelebrata l-festa ta' Madonna Addolorata, jew kif hi magħrufa fost it-Tarxiniżi d-Duluri. Minn xi jiem qabel din il-festa, tinħareġ il-vara tad-Duluri min-niċċa li tinsab fl-intrata li tgħaqqad il-bieb tal-ġenb mal-kappella ta' San Ġużepp. Din in-niċċa kienet tintuża għall-vara titulari sakemm saret in-niċċa li hemm fil-korsija.

Il-vara tad-Duluri saret wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Saret l-Italja, sewwa sew f'Bolzano[1]. Il-vara hija tal-injam. Jekk wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn il-vara tad-Duluri, jinduna li l-artist kien ispirat mill-vara tad-Duluri li hi tal-Arċikonfraternità tal-Kurċifiss tal-Belt Valletta. Il-vara Tarxiniża hija magħmula minn żewġ figuri – il-figura Marjana bilqiegħda, wiċċha mnikket li jispikka f'din il-vara. L-anġlu jinsab bilqiegħda wkoll f'idejh hemm xi simboli tal-passjoni. Il-vara għandha salib tal-kewba. Dan sar minn Ġużeppi Agius, magħruf bħala Ġużeppi tal-Memè. Dan is-salib jinżamm fis-sagristija ewlenija tal-knisja parrokkjali matul is-sena. Fl-imgħoddi s-salib kien ta' lewn iswed. Il-vara titpoġġa fil-kappella tal-Madonna taċ-Ċintura. Quddiem il-vara wieħed jista' jara xemgħat u fjuri li jġibu magħhom id-devoti tal-Madonna tad-Duluri.

Qabel ma ddaħlet il-vara tad-Duluri, ħafna Tarxiniżi kienu jħallu r-raħal tagħhom u kienu jmorru aktarx il-Belt Valletta. Hekk, kienu jingħaqdu ma' ħafna Maltin, f'purċissjoni li kienet tiġi organizzata mill-Arċikonfraternità tal-Kurċifiss. Malli nġiebet il-vara tad-Duluri, din id-drawwa spiċċat u l-familji Tarxiniżi setgħu jattendu l-purċissjoni tad-Duluri f'raħalhom stess. Il-purċissjoni tal-Madonna tad-Duluri tgħaddi minn xi toroq li mhumiex marbutin mal-purċissjonijiet oħra, li joħorġu mill-knisja parrokkjali. Il-purċissjoni toħroġ mill-knisja parrokkjali tgħaddi minn Misraħ is-Suq u parti mit-Triq Paola. Tidħol fil-parti l-ġdida ta' Triq Lanzon u tidħol fi Triq is-Sorijiet. Tibqa' sejra sakemm issib Triq Santa Tereża u tidħol fi Triq it-Tempji Neolitiċi għal Triq Santa Marija. Tgħaddi parti minn Triq Birżebbuġa u tidħol fi triq li tagħti għall-knisja parrokkjali. Xi Tarxiniżi jimxu fil-purċissjoni ħafjin wara l-vara tad-Duluri. Dawn aktarx kienu għamlu wegħda u qalgħu xi grazzi speċjali u bħala ringrazzjament jimxu bla żarbun. Xi oħrajn, barra li jimxu ħafjin, meta l-vara tieqaf għal ftit biex ir-reffiegħa jistrieħu, jinżlu għarkuppejhom.



***L-artal tad-Duluri fil-knisja Parrokkjali***

**Kwadru tad-Duluri**

F'Ħal Tarxien għandha żewġ altari ddedikata lid-Duluri, wieħed fil-knisja parrokkjali u l-ieħor fil-kappella ta' San Bert u l-Madonna tal-Parir it-Tajjeb. L-eqdem altar hu dak li jinsab fil-kappella ta' San Bert. Fl-1789, l-Isqof Vincenzo Labini (1735-1807) ta l-permess biex jitwaqqaf artal fil-kappella ta' Bert, li kienet għadha kemm inbniet[2]. Min-naħa l-oħra, l-artal ta' San Rokku, fil-knisja parrokkjali, inbidel f'dak tal-Madonna tad-Duluri. Dan seħħ

*ikompli f'paġna 57*



*L-artal tad-Duluri fil-knisja ta' San Bert*

fi żmien Dr D. Franġisk Felić Attard (1876-1921) għall-ħabta tas-sena 1880[3]. Il-kwadru sar mill-pinzell ta' Ġużeppi Calì (1846-1930)[4]. Dan il-kwadru jixbah ħafna l-kwadru li jinsab fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar. Din l-inkwadru juri wkoll il-Madonna mnikkta tħares lejn salib vojt. Fiż-żewġ kwadri l-parti ta' fuq hemm biċċa xogħol ta' arti astratta kif kien jaf jagħmel Ġużeppi Calì. Fl-inkwadru tad-Duluri ta' Ħal Tarxien hemm fjura tikber fuq il-blat. Kien hemm żmien meta xi nisa Tarxiniżi kienu jippreżentaw it-tarbija tagħhom fuq dan l-artal. L-aktar preżentazzjonijiet kienu jsiru wara tqala li kienet spiċċat xi ftit diffiċli. L-isem ta' Doris jew Dolor kienu popolari fost it-Tarxiniżi waqt l-isem ta' Dolindo ftit li xejn kien jintuża għas-subien.

**Id-drawwiet**

Il-festa tad-Duluri hija l-aktar jum importanti tal-festi Maltin. Minkejja l-jum hu jum tax-xogħol, l-atmosfera tal-jum mhix ta' jum normali tax-xogħol. Il-bnadar jittellgħu mal-arbli tad-djar privati. Il-quddies ikun fl-aħjar tiegħu. Ħafna jorganizzaw quddiesa fuq il-post tax-xogħol. L-iskejjel jorganizzaw ukoll quddiesa għat-tfal tal-iskola. Kull fejn tara kwadri tad-Duluri. Quddiem dawn il-kwadri ssib fjuri u xemgħat. Hemm drawwa fost it-tfal tal-iskola li jġibu xi bukkett fjuri jew xi xemgħa għall-kwadru li jintrama fl-intrata tal-iskola.

Bosta ħwienet Tarxiniżi kienu jiftħu biss filgħodu u jibqgħu magħluqa filgħaxija. Hekk kienet tagħmel Dora, li kellha ħanut tal-merċa fil-bidu tat-Triq Birżebbuġa. Hekk kien jagħmel Ġanġu li kien wieħed mill-barbiera tar-raħal, li kellu ħanut ukoll fi Triq Birżebbuġa. L-istess ħaġa kien jagħmel Kaċija u tat-Tabibu li kellhom il-ħwienet tagħhom fi Triq Santa Marija. Lela tan-Nuċa wkoll ma kinitx tiftaħ filgħaxija tal-festa tad-Duluri. Mad-daqq tal-erba' ta' waranofsinnhar ħafna mill-ħwienet kienu jagħlqu l-bibien għax kulħadd kien irid imur il-purċissjoni tad-Duluri.

Kien hemm drawwa fost it-Tarxiniżi fejn il-ġenituri kienu jwissu lil ulied biex ma jidħqux u ma jagħmlux ħsejjes żejda bħala rispett lejn Omm Alla, f'jum tad-duluri tagħha. Niftakar li t-tfal kienu jiġu msikta mill-adulti biex f'dan il-jum ikun hemm skiet u ħemda bħala rispett lil Marija Addorolata. Filgħaxija kulħadd kien jinġabar il-knisja parrokkjali biex jieħu sehem fil-purċissjoni u biex jisima' l-quddies. Ħafna minn dawn il-quddies ikun fih il-prietka minkejja li jum id-Duluri hu jum tax-xogħol.

**Taqbiliet**

F'dan il-jum it-Tarxiniżi kellhom id-drawwa li jgħidu ġakulatorja bħala talba qasira lil Marija Addolorata. Din kienet tgħid: "Marija tad-Duluri, imbikkija bla ma turi." Din il-ġakulatorja kienet biċċa żgħira minn taqbila qadima li tgħid:

O Marija Omm id-Duluri
Imbikkija bla ma turi,
Tara l-Ibnek mislub,
Biex tarana mingħajr dnub.

**Is-sawm**

L-aktar ħaġa importanti f'jum id-Duluri kien is-sawm. Kien hemm diversi forom ta' sawm. Kien hemm min kien isum billi joqgħod mingħajr ħelu, ħalib, bajd u laħam. Dawn aktarx ma kinux jieklu xejn bejn ikla u oħra ħlief kikkra kafè. Tant li jiftakar li f'dar in-nanna, kien ikun hemm stanjata mimlija kafè, tagħli l-jum kollu. Ir-riħa tal-kafè kienet timla d-dar tan-nanna kif ukoll il-ħanut li kienet fetħet hi, (Ġużeppa tan-Nuċa) ħanut tal-ħwejjeġ li kien bieb ma' bieb mad-dar.

Kien hemm oħrajn li kienu jagħmlu s-sawm tas-seba' bukkuni. Niftakar liz-zijiet jitolbu seba' bukkuni ħobż biex jieklu lilhom biss f'dan il-jum. Il-Kavallier Rafel Bonniċi Calì kiteb hekk fuq din it-tip ta' sawma: "Is-sawma ssir billi fil-festa tad-Duluri dak li jsum irid jiekol biss bukkuni li jmur jittallab mingħand il-ħbieb jew barranin, bukkuni ta' ħobż u mhux platt tisjir tajjeb li joffrulu tal-familja jew ħbieb[5]." Il-kavallier Bonnici Calì jispjega tajjeb ħafna l-kelma bukkun. Hu jgħid li din il-kelma tfisser: " (ħobż)... kemm jesa' ħalq ta' bniedem u mhux ħobża[6]." Din is-sawma fiha żewġ tipi ta' sagrifiċji - li wieħed joqgħod

*ikompli f'paġna 58*



*Il-vara tad-Duluri maħduma f'Bolzano*

nieqes mill-ikel tas-soltu u l-mistħija li wieħed għandu jmur jittallab bukkun mingħand xi barrani.

Ħal Tarxien kellu d-drawwa tipika tiegħu fejn tidħol is-sawma tas-seba' bukkuni. L-ewwel ħaġa n-nisa Tarxiniżi kienu jagħmlu siġġu eżatti wara l-bieb ta' barra. Kienu jħallu waħda mill-bibien marbuta bil-ganġetta biex min irid jħalli biċċa ħobż fuq is-siġġu. Il-mara tad-dar kienet tiekol biss dak il-ħobż li ssib fuq is-siġġu. Ħafna nisa kienu jmorru għand il-furnar u jixtru xi ħobża biex wara li kienu jqattgħuha kienu jqassmuha bejn il-ġirien u l-ħbieb tal-qalba. Jekk mara kienet issib kwantità ta' ħobż kienet xorta waħda tiekol biss seba' bukkuni u tqassam il-bqija tal-ħobż mal-ġirien u qraba tagħha. Ftit kienu dawk it-Tarxiniżi li kienu jittalbu l-bukkuni. Ħafna minnhom kienu jkunu xjuħ. Niftakar it-taqbila li kienu jgħidu dawn it-'tallaba':

Għandkom ġejt f'ġieħ id-Duluri
Loqma ħobż nitlob agħtuni
F'din is-sawma ħobż u ilma
Għandi bżonn seba' bukkuni

Oħrajn kienu jgħidu: "F'ġieħ il-festa tad-Duluri, biċċa ħobż nitolbok tini."

Xi Tarxiniżi kellhom id-drawwa li matul dan il-jum, barra l-purċissjoni tad-Duluri kienu jieklu ħobż bl-użin. Kull persuna, jekk issum is-seba' bukkuni jew le kienet tieħu biss kwart ħobż.

Minflok is-sawma tas-seba' bukkuni, it-Tarxiniżi kienu jsumu s-sawma tas-seba' galletti. Il-mara kienet tixtri seba' galletti mingħand tal-ħanut tal-merċa jew mingħand xi furnar. Matul il-jum kienet tiekol biss seba' galletti u tixrob ma' kull galletta tazza ilma.

It-tfal Tarxiniżi ma kienux jieħdu ħelu f'dan il-jum. Xi wħud mill-ġenituri jew nanniet kienu jgħidu lit-tfal li jekk issumu fid-Duluri l-Bambin kien iġibilhom il-ħelu l-għada. Matul il-lejl il-missier kien idur kamra kamra fejn kienu qed joqogħdu t-tfal u jqassam il-ħelu li kien xtara ftit qabel. Is-soltu dan il-ħelu kien ikun wieħed fin u tal-aqwa kwalità. Il-ġenituri kienu jemmnu li permezz din id-drawwa jderru lit-tfal biex

jibdew isumu f'jum id-Duluri. Niftakar lill-anzjani Tarxiniżi jgħidu lit-tfal li l-ħelu li sabu taħt l-imħadda jew taħt is-sodda kien ġabulhom il-Bambin. Dan it-twemmin jixbah ħafna dak li kienu jgħidu x-xjuħ Għawdxin dwar il-lejl maġiku tal-Milied. Oħrajn kienu jgħidu li l-ħelu kien ser iġibu l-anġlu: "L-anġlu ġej bil-lejl." Kienu jgħidu. F'dan il-każ it-tfal Tarxiniżi kienu jaħsbu li l-ħelu kien ġabu l-anġlu tal-vara tad-Duluri!

Il-festa tad-Duluri hija festa li tinħass f'kull parti ta' Malta. Ħal Tarxien hu wieħed mill-irħula fejn il-festa tista' tħossha. Il-poplu ħoloq drawwiet li maż-żmien inxterdu mal-erba' irjieħat tal-pajjiż. Iżda hemm drawwiet li t-Tarxiniż biddilhom u għamilhom tiegħu. Hekk mid-drawwa ta' seba' bukkuni ħoloq id-drawwa tas-seba' galletti. Barra minn hekk, mid-drawwa li wieħed jittallab għall-bukkuni t-Tarxiniżi bdew ipoġġu siġġu viċin il-bieb ta' barra biex jitpoġġew il-bċejjeċ ħobż li jiġu mogħtija bħala karità f'dan il-jum qaddis għall-poplu Malti u Għawdxi kollu.

Mhux ta' b'xejn tara kwadri tal-Madonna tad-Duluri kull fejn tħares, l-aktar fejn tgħaddi l-purċissjoni tal-Madonna tad-Duluri. Xi wħud ipoġġu xi statwa żgħira tal-Madonna tad-Duluri fit-tieqa qalb il-fjuri u xemgħat. Xi ħwienet joħorġu xi kwadru tal-Madonna tad-Duluri b'xi xemgħat tixgħel u ftit fjuri.

---

[1] Bonnici Calì R., f'Il-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien, Malta 1973, p 80. Ta' min jgħid li f'Balzano saru żewġ vari oħra f'Bolzano – ta' San Ġużepp u ta' San Franġsik t'Assisi.

[2] Borg V., Marian devotions in the islands of St Paul (1600-1800), The Historical Society, Malta 1983, p 114.

[3] Battistino V., Ħal Tarxien, Mid-Med Bank, Printwell Ltd Fgura, 1993, p 57.

[4] Battistino V., op cit, p 57.

[5] Bonnici Calì R., KitbieT imżewqa, twemmin, storja, arti u folklor, Pubblikazzjoni Leħen is-Sewwa, Vol I, Malta 1987, p 45.

[6] Bonnici Calì R., op cit, p 45.




SILVIO
PARNIS

DEJJEM QRIB TIEGĦEK

/silvio.parnis
silvio_parnis

Email: silvio.parnis@gov.mt
Għal appuntament ċempel fuq
21672830 - 22478400

**Is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet**
**l-Onor. Silvio Parnis u l-familja tiegħu jixtiequ jawguralkom il-festa t-tajba**